MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Numru 762/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Patrick Spiteri)**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**
**vs**

**-OMISSIS-**
**-OMISSIS-**
**-OMISSIS-**
**MIGHEL AZZOPARDI**
**JURGEN CASSAR**
**JOHN CASSAR**
**-OMISSIS-**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom -OMISSIS-

u -OMISSIS-

u –OMISSIS-

u Mighel Azzopardi, ta’ 21 sena, iben Emanuel Azzopardi u Mary Grace nee’ Agius, imwieled tal-Pieta’ fid-19 ta’ Dicembru, 1982 u joqghod fl-indirizz 109, Sacred Heart Street, Zabbar ID Nru. 76383M.

u Jurgen Cassar ta’ 21 sena, iben John u Grace nee’ Borg, imwieled tal-Pieta’ fis-7 ta’ Settembru, 2004 u joqghod fl-indirizz ‘Fauna’, Triq Carmelo Richie, ix-Xghajra, limiti ta’ Haz-Zabbar, ID Nru. 448983M.

u John Cassar ta 49 sena, iben il-mejjet Anthony Cassar u Carmela nee’ Borg imwieled Haz-Zabbar fil-20 ta’ Mejju, 1955 u joqghod fl-indirizz ‘Ryan’, Triq l-Irmigg, Marsaskala, ID Nru. 392855M.

u -OMISSIS-

Billi gew akkuzati talli:

Fi Triq is-Santwarju, u f’inhawi ohra f’Haz-Zabbar, fil-lejl ta’ bejn il-Gimgha u s-Sibt, 10 u 11 ta’ Settembru, 2004:

1. Hadu sehem f’parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migbura bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm din il-gemgha ma kinetx imxewxa minn xi hadd partikulari liema reat fil-fatt sar;

2. Meta kienu tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita’ kompetenti biex jixxerdu, u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f’numru ta’ tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika;

3. Meta kienu tliet persuni jew aktar, li ngemghu jew jibqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xorta ohra, li jistghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies;

4. Ingurjaw, heddew, u ghamlu offizi fuq il-persuni ta' l-Assistant Kummissarju Paul Sammut, is-Supretendent Patrick Spiteri, l-Ispettur Anthony Cassar kif ukoll ta' diversi ufficcjali ohra tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. Attakaw u ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

6. Bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor;

7. Grew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez, b'periklu li jahbtu ma' xi hadd u jwegghuh;

8. Kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

9. M'obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom fil-qadi ta' dmirijiethom jew b'mod iehor, bla jedd indahlu fi dmirijiethom;

Il-Qorti tista' meta jidrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena, applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu inniffsu, taht penali li tigi ffisata mill-Qorti;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar fid-dawl ta’ l-ammissjoni tal-imputati John Cassar, Jurgen Cassar u Mighel Azzopardi talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-imsemmija tlett imputati, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. NGS1 u nnutat li l-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar iddikjaraw li huma hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati John Cassar, Jurgen Cassar u Mighel Azzopardi bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati John Cassar, Jurgen Cassar u Mighel Azzopardi regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Rat fil-konfront tal-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar l-artikoli 17, 68(1), 80, 79, 95, 96(b), 338(m), 338(cc), 338(dd) u 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija kull wiehed u erba’ mija u hamsa

u sittin Euro u seba' u tmenin centezmu ta' Euro (Euro 465.87) multa ekwivalenti ghall-mitejn Liri Maltin (Lm 200) kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100) kull wiehed li jzommu il-kwiet mal-istess Assistent Kummissarju Paul Sammut, mal-ex Supretendent Patrick Spiteri u mal-Ispettur Anthony Cassar u li jzommu l-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Mighel Azzopardi, Jurgen Cassar u John Cassar l-ispjegazzjoni prekritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------